

# IL-PITTURA FIL-KNISJA KOLLEĠĠJATA U PARROKKJALI TA' BORMLA

**Joseph R. Gatt**

***(Ir-Raba' Taqsima)***

Wara li tkellimna, f'ħarġiet oħra ta' dan il-ktejjeb dwar il-pittura ta' fuq l-artali u oħrajn li ltqajna magħhom fil-knisja, din id-darba ser naraw dawk li għandna fis-saqaf u l-Koppla prinċipali.

Din il-pittura tinqasam f'żewġ taqsimiet:- il-pittura ta' l-artist Malti Ġużeppi Calì (1846-1930) u dik tal-pittur Taljan Virgilio Monti (1860-1940).

**Il-Bidu tal-Pittura**

Il-bidu ta' din il-pittura nafuh lill-pittur Ġużeppi Calì, li aktar minn mitt sena ilu kien ġie mqabbad biex ipitter il-Koppla prinċipali, il-Kor, iż-żewġ Kappelluni l-kbar - dak ta' San Ġużepp u ta' Santa Katarina u l-Korsija (il-Volta).

Din kienet sfida kbira għal Ġ. Calì, għax din il-pittura kienet l-akbar biċċa xogħol li kien ġie mqabbad biex jagħmel, għalkemm kien ġà għamel xi kwadri għal xi knejjes. Qatt qabel ma kien għadu pitter koppla u saqaf sħiħ ta' Knisja. Il-Knisja ta' Bormla kellha tkun l-ewwel waħda, wara dik tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann, li kien ser ikollha saqaf impitter u wisq aktar, mill-istess pittur. F'din il-pittura Calì ried juri bla dubju ta' xejn il-ħila tiegħu kollha. Ried jissupera lir-rivali tiegħu, kemm Maltin u barranin - (Cortis, l-aljevi ta' Ġ. Hyzler, Palombi, Gagliardi u oħrajn) biex jiġi aċċettat darba għal dejjem mill-Maltin bħala pittur ta' klassi għall-Knejjes tagħna. Calì laqa' l-isfida u ħareġ ta' raġel - wera li kien artist kbir, ta' ħila u ta' ħlewwa. B'din il-pittura huwa fetaħ triqat ġodda għalih għax wara ġie mfaħħar u aċċettat u beda jiġi mqabbad jaħdem xogħlijiet oħra kbar kif naraw fil-Knisja Parrokkjali tas-Salvatur f'Ħal-Lija (1893); f'dik ta' San Duminku fil-Belt (1898); f'dik tal-Lunzjata ta' Ħal Balzan; f'San Lawrenz tal-Birgu; f'San Franġisk il-Belt (1907); f'Santa Marija l-Mosta u f'bosta oħrajn.

**Il-pittura ta' Calì**

Il-pittura tal-Knisja ta' Bormla nħadmet biż–żejt direttament fuq il-ġebla, jew fuq it-tila u wara mqiegħda fil-post. Ix-xogħol kollu ta' Calì sar bejn l-1884/85 u kien jiġbor fih aktar minn 60 biċċa, li sfortunatament, illum ma baqax aktar minn 19-il biċċa, l-oħrajn inbidlu u maż-żmien intilfu. Flokhom saru dawk ta' Virgilio Monti li b'xorti tajba għadna ngawduhom.

**It-tema tal-Pittura tal-Knisja**

It-tema tal-pittura hija l-Waqgħa ta' Adam u Eva fid-dnub u l-Wegħda li Alla għamel



Prof. Nikola Zammit
(1815-1899)



Ġużeppi Calì
(1864-1930)



Prof. Virgilio Monti
(1860-1940)



Abraham Gatt
(1863-1944)

**Id-dekorazzjoni kollha tas-saqaf tal-Kolleġġjata ta' Bormla huwa frott ta' dawn l-erba' artisti. Id-disinjaturi Prof. Nikola Zammit u Abraham Gatt u l-pitturi Ġużeppi Calì u Prof. Virgilio Monti.**

għall-fidwa tal-bniedem permezz ta' Ġesù Kristu mwieled minn "Mara" (Marija Verġni) mnissla mingħajr il-ħtija oriġinali. Calì esprima tant tajjeb it-tema tiegħu f'sitt kwadri prinċipali. Dawn kienu juru (1) il-Waqgħa ta' Adam u Eva fid-dnub u t-tkeċċija tagħhom mill-Ġnien ta' Eden; (2) il-Wegħda tal-Miġja tal-Messija mwieled minn Marija mnissla mingħajr dnub; (3) ir-Rebħa ta' Marija fuq Satana u t-telfien tiegħu; (4) l-ereżija; (5) il-glorja ta' l-anġli u (6) it-trijonf tad-dutturi tal-Knisja.

Fis-saqaf ta' kull tieqa huwa pitter appostlu u hekk naraw lil San Pietru u 'l San Pawl f'dawk tal-Kor, 'il San Ġwann u 'l San Andrija fil-Kappellun ta' San Ġużepp; 'il San Ġakbu, San Filippu, 'il San Bert, 'il San Mattew, 'il San Tumas, 'il San Ġakbu, 'il San Xmun u 'l San Ġuda Taddew u 'l San Mattija insibuhom fit-twieqi l-oħra.

Biex jagħlaq il-kumpless kollu tal-proġett tiegħu, Calì daħħal wkoll diversi pitturi sbieħ b'emblemi tal-Litanija tal-Madonna.

**Il-Koppla u l-Lunetti**

Calì qasam l-iskutella tal-Koppla fi tmien flieli u fihom pitter seba' anġli li jissimbolizzaw is-Seba' Doni ta' l-Ispirtu s-Santu - l-għerf, il-fehma, il-Kunsill, il-Qawwa, ix-xjenza, il-Pietà u l-biża' ta' Alla, u fit-tmien felli għamel l-Adorazzjoni ta' l-Anġli.

Il-pittura fil-lunetti ta' taħt il-koppla turina erba' figuri ġganteski ta' ġmiel kbir. Dawn jiffiguraw lil Mosè bis-serp taħt riġlejh, lis-Sultan David idoqq l-Arpa u jgħanni Salmi ta' tifħir. F'din il-pittura naraw il-firma tal-pittur u s-sena - Ġ. Calì 1884. Lill-Profeta Eżekjel narawh mistagħġeb bit-tħabbira tat-twelid tal-Messija u l-profeta l-ieħor, Isaija b'nofs ilbies, jipprofetizza t-twelid tal-Messija. Id-dekorazzjoni tal-Knisja saret fuq disinn tal-Prof. Nikola Zammit.

**X'baqa' minn ta' Calì**

Mill-pittura oriġinali ta' Calì baqa' biss it-tliet kwadri tal-Kursija, l-appostli tat-Twieqi u l-erba' biċċiet tal-lunetti tal-koppla - b'kollox 19-il biċċa.

**Il-Pittur Virgilio Monti**

Ir-rabta ta' Virgilio Monti ma' Malta bdiet ftit wara l-bidu ta' dan is-Seklu, meta kien ġie kkommissjonat biex ipitter il-Koleġġjata ta' Santa Liena B'Kara. Wara huwa ħadem fil-Knisja tal-Patrijiet ta' Ġiesu tal-Belt u fil-Kolleġġjata tax-Xagħra Għawdex u f'ta' Bormla. Huwa pitter ukoll il-kwadru titulari ta' Santa Marija f'Ħad-Dingli.

Monti tħarreġ fil-pittura taħt il-Profs. Pasqualini u ta' 20 sena ġà kien jgħin lil Mantovani fir-restawr ta' pitturi fil-Loġġa tal-Vatikan. Huwa malajr kiseb isem ta' artist kbir u kien imfittex għax-xogħlijiet sbieħ tiegħu minn bosta bliet Taljani. F'Ruma huwa pitter fil-Knejjes ta' San Ġwakkin, f'ta' Santa Briġida, f'ta' San Carlo a Catinari u f'oħrajn. Ħalla xogħlijiet oħra f'San Leo u San Ġwann f'Carpinato u f'dik ta' Santa Marija Madalena f'Bologna, fil-Knisja ta' San Ġorġ ta' Milan u f'dik ta' San Stiefnu f'Ferrara. Huwa għandu pitturi f'Londra, fi Spanja u fl-Irlanda. Dan biex insemmu fejn jinsabu xi wħud mix-xogħlijiet tiegħu.

**V. Monti f'Bormla**

Għall-Knisja tagħna ħadem ħamsa u tletin (35) biċċa xogħol. Dawn narawhom fil-

Koppla - 8 biċċiet; fis-saqaf tal-Kor u taż-żewġ kappelluni l-kbar - 3 biċċiet; u 24 oħra nsibuhom fil-ġnub tat-twieqi. Din il-pittura ħadet post dik ta' Ġ. Calì meta l-Koppla u partijiet oħra tal-Knisja kienu ġew dekorati mill-ġdid fuq id-disinn u taħt id-direzzjoni ta' Abraham Gatt (1863-1944). Dan ix-xogħol kollu kien sar bejn 1929/1930.



(V.Monti) Il-Proklamazzjoni tad- Domma ta' l-Immakulata mill-Papa Piju IX.



L-Inżur ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli u l-Madonna (V. Monti)



Dehra ġenerali tal-Koppla

# PITTURA TAS-SAQAF TAL-PARROĊĊA TA' BORMLA



Dehra tas-saqaf bid-dekorazzjoni u l-pittura



It-tkeċċija ta' Adam u Eva mill-Eden wara d-dnub tan-nisel u tħabbira tal-Feddej u l-Immakulatat





Mosè u David ta' ġmiel kbir impitter fil-lunetti, fejn naraw ukoll il-firma ta' Ġ. Calì.

Fis-saqaf tal-Kor Virgilio Monti, ħallielna t-tifkira tal-Proklamazzjoni mill-Papa Piju IX tad-Domma tat-Tnissil bla tebgħa ta' Marija. Fis-saqaf tal-Kappellun ta' San Ġużepp għandna l-att erojku ta' meta Ġuditta irnexxielha taqta' ras Oloferni biex b'hekk ħelset il-poplu ta' Betulja mill-qilla tas-Sultan. Il-kwadru l-ieħor fil-Kappellun ta' Santa Katerina jurina episodju erojku ieħor - din id-darba r-Reġina Ester tidher quddiem is-Sultan Assweru u titolbu biex ma ssirx qerda mill-poplu Lhudi. Is-Sultan laqa' t-talba tagħha u Ester bħal Ġuditta toħroġ rebbieħa u teħles il-poplu tagħha.

**Il-pittura tal-Ġnub tat-Twieqi**

Fuq kull ġenb tat-twieqi Virgilio Monti pitter figura Bibblika mit-Testment il-Qadim - profeti, patrijarki, rġiel u nisa Bibbliċi. Fil-ġnub tat-twieqi tal-Kor insibu lil Anna u lil Elizabetta, 'il Ġwakkin u 'l Żakkarija; fil-Kappellun ta' Santa Katarina għandna erba' nisa, lil Rebekka u 'l Susanna, 'il Sara u 'l Ruth. Fil-kappellun l-ieħor naraw lil Profeta Danjel u 'l Gedeon, 'il Ġakobb u lil Iżakk. Għall-Korsija pitter lil Rakele u 'l Debora, 'il Jahel u 'l Abigail, 'il Resfa u lil Levitku, lil Malakija u lil Aġġew, 'il Sofonija u 'l Mikea, lil Hosea u 'l Ġeremija.

**Il-Koppla**

Il-Koppla hi maqsuma fi tmien partijiet u l-pittura tissimbolizza s-Seba' Doni ta' l-Ispirtu s-Santu. Kull pittura għandha kitba taħtha bil-Latin biex tispjega aħjar il-kwadru. Dawn huma l-għerf (Sapientia), il-fehma (intellectus), il-kunsill (consilium), il-qawwa (fortituder), ix-xjenza (scientia), il-Pietà (pietas) u l-biża' t'Alla (Timor Domini). Ma' dawn Monti żied kwadru ieħor - dak li jissimbolizza l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli u l-Madonna. Dan iġib taħtu kitba bil-Latin 'Dator Munerum".

B'hekk rajna x-xogħlijiet ta' dawn iż–żewġ artisti kbar li għalkemm ħadmu fi żminijiet u bi stili differenti minn ta' xulxin, il-pittura tagħhom ma telfet xejn mill-armonija u l-ġmiel ta' bejniethom.

Darb'oħra nitkellmu dwar il-pittura tal-Koppli ż–żgħar.

**Referenzi**

"Malta" 29/11/1884; 13/12/1884

"Malta" 26/11/1929; 28/11/1930

G. Calì Centenary Exhibition 1846-1946

Refalo Rapa J. - The Xagħra Monumental Church - 1969

**JACEE BAZAAR**

**SHOP 6, BORMLA WHARF, BORMLA**

You can find toys, gifts,
stationery and household goods